Kulleġġ San Injazju

PRIMARJA SIĠĠIEWI

13 ta' Awwissu, 2013

Għeżież Ġenituri

**IS-SENA SKOLASTIKA 2013/2014**

Issa li qegħdin f'nofs Awwissu, iż-żmien igerbeb u tajjeb li wieħed ikompli jħeġġeġ lit-tfal jaqraw ftit kuljum. Nisperaw li qegħdin jużaw il-librerija pubblika li hawn ħdejn l-iskola sabiex jisselfu l-kotba.

**1. LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI KOLLHA QABEL IS-SENA SKOLASTIKA**

Ħassejna l-bżonn li qabel nibdew l-iskola, nagħmlu laqgħa ta' informazzjoni għall-ġenituri kollha, mill-Kindergarten sas-Sitt sena. Din ser issir nhar **il-Ġimgħa 13 ta' Settembru 2013 fis-6.30p.m.** Dħul direttament fis-Sala Ġuże' Delia minn Triq l-Iskola.

Dakinhar nagħtukom:

- Dettalji dwar l-iskola, l-istaff, l-uniformi, etc
- Attivitajiet prinċipali fil-kalendarju tas-sena skolastika 2013-2014
- X'nippretendu minnkom bħala ġenituri u minn uliedkom
- Il-Policies u r-regoli tal-iskola
- Il-Pjan ta' Żvilupp (SDP) tal-iskola għal din is-sena skolastika.

Din il-laqgħa mhix għat-tfal. Fil-każ estrem li jkollkom iġġibuhom magħkom, huwa importanti li joqogħdu bilqegħda bil-kwiet ħdejkom. It-trabi ma għandhomx jitħallew itellfu l-andament tal-laqgħa.

**2. LAQGĦAT GĦALL-ĠENITURI FIL-BIDU TAS-SENA SKOLASTIKA SKONT IL-*YEAR GROUP***

Ser isiru laqgħat fil-bidu tas-sena skolastika mal-għalliem/a tal-klassi kif ġej:

**Kindergarten**: Il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2013 fid-9a.m.

**Year 1**: It-Tnejn 30 ta' Settembru 2013 mid-9 sal-10a.m.

**Year 2**: It-Tnejn 30 ta' Settembru 2013 mill-11 sa nofsinhar.

**Year 3**: L-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2013 mid-9 sal-10a.m.

**Year 4**: L-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2013 mill-11 sa nofsinhar.

**Year 5**: Il-Ħamis 3 ta' Ottubru 2013 mid-9 sal-10a.m.

**Year 6**: Il-Ħamis 3 ta' Ottubru 2013 mill-11 sa nofsinhar.

**3. PARENTS' EVENING**

Huwa ppjanat li tkunu tistgħu tkellmu individwalment lill-għalliem/a dwar it-tifel/tifla tagħkom f'Parents' Evening nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru 2013. L-iskola tispiċċa f'nofsinhar u se tingħataw appuntament għal laqgħa qasira (madwar 5 min.) bejn il-5.30 u s-7.30pm.

B'hekk fl-ewwel *term* ikunu saru laqgħat fuq bażi ta' skola, ta' klassi u ta' student individwali bl-iskop li l-iskola timxi aħjar, kull klassi toħloq l-aħjar ambjent possibbli, u tingħata attenzjoni individwali lil kull student.

**4. IL-KALENDARJU TAS-SENA**

Huwa importanti li tieħdu nota ta' dawn id-dati:

Triq Dr N. Zammit Street, Siggiewi SGW 3077 Tel 21464317 21460095 Fax 21462279
E-mail sic.siggiewi.pr@gov.mt Websajt siggiewiprimary.wordpress.com

**Settembru 2013**

| | |
|---|---|
| 13 | 6.30pm Laqgħa għall-ġenituri kollha fis-sala tal-iskola |
| 23 | Bidu tas-sena skolastika għall-istudenti tal-**Primarja.** |
| | Dħul minn Triq l-iskola fit-8.25am. Ħinijiet tal-iskola 8.30am – 2.30pm. |
| | Ħruġ mill-istess bieb, ħlief il-Yr 1 u 2 li joħorġu minn Triq Ħal Niklusi. |
| 27 | 9am Laqgħa għall-ġenituri kollha tal-Kindergarten. |
| 30 | 9-10am Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr 1; 11am - 12 Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr2. |

**Ottubru 2013**

| | |
|---|---|
| 1 | Bidu tas-sena għall-istudenti tal-Kindergarten II (8.45am – 2.15pm mill-Foyer fi Triq l-Iskola) |
| | *Sas-27 Sett, il-Kindergarten I ser jirċievu appuntament bid-data (1, 2 jew 3 Ott, u l-ħin).* |
| 2 | 9 – 10am Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr 3; 11 – 12 Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr4 |
| 3 | 9 – 10am Laqgħa għall-ġenituri tal-Yr5; 11 – 12 Laqgħa għall-ġenituri tal Yr 6 |
| 26 | Mawra ta' ġurnata ġewwa Sqallija |

**Novembru 2013**

| | |
|---|---|
| 1 , 4 | L-istudenti ma jkollhomx skola (Mid-Term Holidays) |
| 20 | L-iskola tispiċċa f'nofsinhar minħabba l-Parents' Evening (Kinder sa Year 6) |
| | 5.30–7.30pm *Parents' Evening* (Laqgħa ta' 5 minuti mal-għalliema, bl-appuntament) |
| 20 – 22 | Book Fair fl-iskola (20 Nov: 8.30am – 12.00, 5-7pm; 21 Nov: 8.30am-2.30pm; 22 Nov: 8am - 12) |

**Diċembru 2013**

| | |
|---|---|
| 6 | Festa ta' San Nikola: Filgħodu jkollna Purċissjoni u Quddiesa fil-Knisja. Kulħadd mistieden. |
| 12 | L-iskola tispicca f'nofsinhar minhabba laqgħa għall-għalliema (SDP) |
| 13 | Festa Pubblika – it-tfal ma jkollhomx skola. |
| 19 | Kunċert tal-Milied għall-ġenituri (filgħodu) |
| 20 | L-aħħar ġurnata tal-ewwel term. Ċelebrazzjonijiet tal-Milied għall-istudenti. |

23 ta' Diċ sas-6 ta' Jannar 2014: Vaganzi tal-Milied

**2014**

**Jannar**

| | |
|---|---|
| 7 | Bidu tat-tieni term |
| 23 | Elezzjoni għall-Kunsill tal-istudenti |

**Frar**

| | |
|---|---|
| 10 | Festa Pubblika – It-tfal ma jkollhomx skola |
| 18 – 21 | Eżamijiet ta' nofs is-sena |
| 28 | Filgħodu ssir attivita' tal-Karnival għall-istudenti. |
| | L-iskola tispicca f'nofsinhar minħabba laqgħa għall-għalliema (SDP) |

**Marzu**

| | |
|---|---|
| 3, 4 | Btajjel tal-Karnival (Mid-term holidays). It-tfal ma jkollhomx skola. |
| 7 | Parents' Day (8.30 – 2.30). It-tfal ma jkollhomx skola. Il-ġenituri jingħataw appuntament. |
| 19 | Festa ta' San Ġużepp. It-tfal ma jkollhomx skola. |
| 31 | Festa Pubblika. It-tfal ma jkollhomx skola. |

**April**

| | |
|---|---|
| 4 | L-iskola tispiċċa f'nofsinhar. Ċemimonja ta' Ċelebrazzjoni u Prize Day filgħaxija (bl-invit). |
| 8– 11 | Il-Ġimgħa tal-Ktieb. |
| 11 | Quddiesa tad-Duluri għall-istudenti fil-Parroċċa |
| 16 23 | Vaganzi tal-Għid |
| 24 | Bidu tat-tielet term |

**Mejju**

| | |
|---|---|
| 1 | Festa Pubblika: It-tfal ma jkollhomx skola |
| 7 | Open Day għall-ġenituri. L-iskola tispicca f'nofsinhar minħabba laqgħa għall-għalliema (SDP). |
| 23 | SDP Day għall-istaff. L-istudenti ma jkollhomx skola. |

28-30 Mejju; 2-4 Gunju *Benchmark Exams* għas-Sitt Sena

**Ġunju**

| | |
|---|---|
| 2 | Bidu tan-nofstanhari (Primarja: 8.15am – 12 nofsinhar; Kinder: 8.30 – 11.45am). |
| 24 -26 | Eżamijiet tal-aħħar tas-sena 27 Tmiem is-sena skolastika għall-istudenti. |

Jista' jkun hemm żidiet, tnaqqis u tibdil ieħor f'dal-kalendarju. Iċċekkjaw iċ-ċirkularijiet li nibagħtulkom. Agħmlu *subscription* fil-websajt tal-iskola **siggiewiprimary.wordpress.com** *(fuq il-lemin, in-naħa t'isfel)* u tirċievu aktar tagħrif aġġornat b'email regolarment.

P Decelis - Kap tal-iskola